MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 137/2004

Kawza numru: 33

**V G**
**vs**
**X G**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur V G u l-konvenuta X G izzewgu fis-26 ta’ Marzu 1988;

U peress illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal u cioe’ W ta’ 13-il sena u R ta’ 9 snin;

U peress illi l-imsemmija X G rrendiet ruhha hatja kontra l-attur zewgha ta’ adulterju, sevizzi, minacci u ingurji gravi, b’ mod li rrenda mpossibli l-hajja konjugali bejniethom;

U peress illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hawn anness u mmarkat Dok. SB 2;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi G minhabba adulterju, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmija X G ikkommettiet fuq zewgha;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri W u R f’ idejn l-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lil zewgha ghalih u/jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet ta’ l-attur u l-mezzi ta’ martu;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lil konvenuta, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-kovenuta tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

6. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta cahdet dak imputat lilha mill-attur; oggezzjonat li l-attur ikollu l-kura u kustodja tat-tfal, u dan fl-interess tat-tfal; sostniet li jkun gust li hi tigi awtorizzata tibqa' tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' l-attur;  u qablet li l-il-kawza numru 135/04 fl-ismijiet inversi, u l-kawza odjerna jinstemghu flimkien;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati, kif ukoll ir-rapport tas-Social Worker Maria Caruana, u tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2008 fejn gie approvat abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali [li eventwalment gie ppubblikat] u li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw "li ghad hemm pendenzi pendenza li tirrigwarda l-proprjeta' parafernali, u li l-partijiet ser jipprezentaw nota relattiva fil-mori tad-differiment."1

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-pendenzi rigwardanti l-krediti parafernali vantati mill-partijiet.

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 135/04 fl-ismijiet inversi, u taddotta fl-intier taghhom l-osservazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet raggjunti minn din il-Qorti f' dik is-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri wiehed, tnejn, tlieta u sitta, stante li l-meritu gie ezawrit bil-ftehim raggjunt mill-partijiet;

[2] tilqa' ir-raba u l-hames talba fis-sens gja deciz fis-sentenza precitata.

---

[1] Vol.3 – fol.818 – Cit.125.04

Bla spejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------